MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 285/2012

Qorti ta′ l-Appell Kriminali

Imhallef Dr. Michael Mallia LL.D.

Appell Numru: 285/2012

Il-Pulizija

[Spettur Godwin Scerri]

Vs

Anthony Cutajar

Illum, 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Anthony Cutajar, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 624461M talli:

Nhar id-29 t'Awwissu, 2011, ghall-habta ta' 3.00 a.m waqt li kien gewwa Triq

San Gorg, San Giljan gewwa 1-Axis car Park:

1. Volontarjament hassart ghamilt hsara fuq Clamp liema hsara tammonta ghall-mitejn Ewro (€200) ghad-danni ta' Signal Securities;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' Mejju, 2012, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 325 (1)(b) tal-Kap 9 u peress illi l-kaz gie ippruvat minghajr ebda dubju, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu ghall-terminu ta' sitt (6) xhur prigunerija minn dakinhar, liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk 1-imputat jikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien erba' (4) snin minn dakinhar skond 1-artikolu 28(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Anthony Cutajar pprezentat fl-4 ta' Gunju, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata jew alternattivament f'kaz li l-istess sentenza tigi konfermata timponi piena aktar idoneja ghal dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti u cioe':-

Huwa essenzjali fil-kamp penali li l-Prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju ragonevoli b'mod li jekk dan il-grad ta' prova ma jigix raggunt allura l-imputat ghandu jigi liberat.

Fdan il-kaz jirrizulta li ma ma tressqitx prova wahda li tikkonferma il-grad li trid il-Ligi li 1-esponent volontarjament ghamel hsara f xi clamp. Ma tressqu ebda xhieda li jikkonfermaw fattwalment li 1-esponent ghamel din il-hsara. L-uniku xhud li tressaq mill-Prosekuzzjoni ma rax lill-esponent jaghmel hsara ill-clamp in kustjoni u lanqas ma tressqu provi minn xi CCTV sitwat fl-akkwati Ii jikkonfermaw iI-htija tal-esponent.

Mill-banda l-ohra l-esponent xhed li huwa kien osserva avviz fuq il-windscreen tal-vettura tieghu li kienet tindika Ii l-vettura tieghu kienet giet ikklampjata pero' meta wasal hdejn il-vettura tieghu ma osservax li in effetti kienet tinsab ikklampjata. Il-fatt li twahhal avviz fuq il-vettura tal-esponent fis-sens li 1-vettura tieghu kienet giet ikklampjata ma jipprovax fit-grad Ii trid il-Ligi Ii huwa kisser il-clamp. Jekk din il-clamp kellha l-hsara ma tressqu ebda provi dwar in-natura tal-hsara li allegatament kellha u dwar l-ispejjez mehtiega biex tissewwa u wisq anqas ma gie pprovat li empirikament l-esponent ikkawza xi hsara fiha, kif gia' intqal. Daqskemm 1-esponent seta' kkawza hsara fil-clamp daqshekk iehor haddiehor seta' ghamillu l-hsara dolozament bhala att vandalu ghalkemm ghandu ukoll jinghad li ikun hemm okkazzjonijiet meta clamp li jkollu l-hsara jinqala' wahdu wara li jitwahhal. F'dan ir-rigward ma ingiebet ebda prova li tikkonferma li 1-hsara fil-clamp ma kinitx antecedenti ghall-allegat twahhil tieghu jew li ma saritx minn terz f'vandalizmu. Fin-nuqqas ta' prova inkonfutabbli li tindika fil-grad li trid il-Ligi li 1-esponent ghamel hsara fil-clamp l-ipotesijiet riferiti huma kollha possibbli, pero fil-kamp penali ma jiswew xejn. Tant hu l-kaz li 1-

esponent ma kienx in mala fede li kien ghamel kuntatt mal-persuna li kienet tiehu hsieb il-parking area fejn l-esponent kien ipparkja. Kieku kien in mala fede u kien ghadu kif kisser il-clamp evidentement ma kienx jaghmel kuntatt mal-addett taz-zona tal-parkegg imma kien jitlaq mill-lok tal-incident. F′dana 1-isfond minkejja n-nuqqas ta′ kwalsiasi indizju Ii kien jipprova minghajr dubbju dettat mir-raguni l-htija tal-esponent, huwa instab hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu fuq bazi ta′ mera kongettura da parti tal-Prosekuzzjoni.

Anchorche′ li l-Prosekuzzjoni pprovat il-kaz taghha fil-grad Ii trid il-Ligi, pero′ il-piena inflitta fuq 1-esponent fir-rigward ta′ incident trivjali kienet palesement eccesiva stante li huwa gie kundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba′ snin. Anke fl-ipotesi li huwa ghamel hsara fil-clamp imgieba simili ma kinitx timmerita piena karcerarja sospiza fil-massimu li tippermetti l-Ligi, tenut kont il-fedina penali tal-esponent. L-esponent lanqas ma kien jisthoqqlu li jkollu mazzra ma saqajh f′dak li jirrigwarda 1-fedina penali future tieghu billi sentenza sospiza fil-rnassimu permess mill-Ligi tostakolah fis-sejbien ta′ impieg, tenut kont li huwa jinsab isseparat u qed jirregistra ghax-xoghol u ghandu erbat itfal minorenni xi jmantni. Mhux ekwu fkaz ta′ htija Ii l-esponent jigi ostakolat milli jsib impieg minhabba allegat ksur ta′ clamp meta jinstab tant fil-bzonn li jimpiega ruhu anke biex ihallas djun pendenti in konnnessjoni mal-gestjoni & negozju Ii kellu li jinsab xolt.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fid-disgha u ghoxrin (29) ta′ Awwissu tal-elfejn u hdax (2011) il-vettura proprjetà tal-appellant kienet ipparkjata gewwa l-Axix carpark gewwa San Ġorg, San Giljan u peress illi dan kien carpark rizervat ghar-residenti, l-karozza tieghu giet ikklempjata. Qed jigi addebitat illi l-appellant volontarjament hassar dan il-clamp, liema hsara tammonta ghal mitejn ewro (€200) ghad-dannu ta′ Signal Securities. Emanuel Gatt, impjegat ma′ din is-socjetà gie infurmat illi kien hemm vettura ipparkjata fl-Axis carpark b′mod illegali u gie ordnat jikklempjaha kif fil-fatt ghamel. Fuq dan halla nota mal-windscreen tal-vettura li tinforma lil sidha li l-vettura giet ikklempjata ufficcjalment u numru tat-telephone u tigi l-persuna u tnehhi l-clamp. L-ghada filghodu però Emanuel Gatt la sab il-karozza u lanqas il-clamp. Ikkonferma illi kien cempillu l-appellant u qallu biex inehhilu l-clamping izda meta mar fuq il-post ma sab lil hadd.

L-appellant ta d-depozizzoni tieghu f′dawn l-atti u qal illi huwa spicca mix-xoghol f′xi l-hamsa ta′ filghodu (5.00 a.m.) u mar ghall-karozza u sab karta tal-windscreen fejn infurmatu li l-karozza giet ikklempjata u biex icempel numru. Ċempel lil xi hadd u dan irrispondih li

qallu li ma setax imur dak il-hin ghax kellu jiehu l-mara l-isptar. Cutajar qallu li kien se jistennih però l-presuna baqghet ma gietx. Cutajar jghid illi l-karozza fil-fatt ma kellhiex clamps maghha u ghalhekk meta ra illi ma gie hadd, saq u telaq 'il hemm. Ghal xi t-tmienja ta' filghodu (8.00 a.m.) il-persuna illi kien cempel, cemplitlu lura u qaltlu biex jaghtih il-clamps. Izda l-appellant ma ghamel xejn minn dan ghax skont hu clamps ma kienx hemm mal-vettura.

Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-appellant qieghed jargumenta illi l-grad ta' konvinciment morali ma ntlahaqx u ma ngibitx l-ahjar prova illi kien filmat ta' CCTV illi kien hemm ikopri l-carpark u peress illi hemm konflitt bejn ix-xhieda ta' Gatt u l-appellant u ma sarux proceduri civili kontra l-appellant, kwindi allura dan kellu jikkreja dubbju favur l-appellant u allura l-liberazzjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. L-ewwel nett anke li kieku kien jezisti filmat mis-CCTV il-fatt illi dan ma ngibx bhala prova ma jfissirx illi t-tezi tal-Prosekuzzjoni tkun kompromessa. Il-ligi timponi obbligu fuq il-Prosekuzzjoni illi "bhala regola" iggib il-prova kompluta minn kollox u ma jithalla xejn illi jkun materjali ghall-kaz. (Art. 638(1) Kap. 9.) Evidentement il-Prosekuzzjoni deherilha illi bix-xhieda ta' Emanuel Gatt kien se jkollha provi bizzejjed biex tlahhaq dak il-grad ta' prova fil-kamp penali u ma kellhiex ghalfejn tghabbi l-Qorti bi provi ohra bhal CCTV. Il-fatt illi ma ngabx ma tfisser xejn u l-Qorti trid tasal ghall-konkluzjoni fuq dak li jirrizulta u cioé x-xhieda ta' Emanuel Gatt abbinata ma' dik ta' Anthony Cutajar. L-appellant jargumenta illi dawn huma konfliggenti u ghandhom iwasslu ghal-liberazzjoni tal-appellant.

Din il-Qorti ma taqbilx u taghmel riferenza ghall-kawza "Pulizija versus Joseph Thorn" deciza mill-Appelll Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003 fejn intqal, "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9, u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux." L-ewwel Qorti ghamlet dan l-ezercizzju u deherilha illi miz-zewg verzjonijiet kontradittorji, l-verzjoni ta' Emanuel Gatt hija aktar verosimili u tat ir-ragunijiet ghaliex kellha temmen dik il-verzjoni u mhux dik tal-appellant. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-

ewwel Qorti illi l-verzjoni moghtija minn Emanuel Gatt hija aktar verosimili mill-verzjoni moghtija mill-appellant, li ma tarax ir-raguni il ghala kellu joqghod icempel lill-kumpanija Signal 8 Security sabiex inehhulu l-clamps meta dawn ma kienux fil-post. Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba din id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------